**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 139/18AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

> Illi l-partijiet izzewwgu fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) registrat bin-numru progressiv tlieta tnejn tmienja zbarra elfejn u erbatax (328/2014) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal Catriona u Ranaich (DOK A);

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Francesca Schwalbe fit-disgha (9) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) (DOK B);

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament mis-sena elfejn u disgha (2009)

Illi r-rikorrenti Lorraine Dunnett tixtieq tirreverti ghal kunjoma xebba P.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm ebda kwistjonijiet fuq hlas ta' manteniment tat-tfal li jithallas regolarment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu, 2018;

Fuq domanda tal-Qorti semghet lid-difensur tal-intimat iwiegeb li l-intimat ma ghandu l-ebda oggezzjojni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Marzu 2016 u ilhom jghixu separatament mis-sena elfejn u disgha (2009);

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.